

Brussell, 19 ta' Jannar 2018  
(OR. en)

5219/18

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2016/0299 (NLE)**

---

---

COASI 14	COMER 3
ASIE 1	JAI 18
RELEX 23	CODRO 1
CFSP/PESC 25	ECOFIN 19
COHOM 2	PROCIV 1
CONOP 3	ENV 15
COTER 1	EDUC 7
COARM 21	TRANS 9
DEVGEN 4	ENER 12
WTO 3	AGRI 15

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	15504/15
Nru dok. Cion:	JOIN (2015) 36 final
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sħubija u Żvilupp bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan, min-naħa l-oħra - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

---

1. Fit-22 ta' Settembru 2016, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill Proposta Konġunta riveduta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sħubija u Żvilupp bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan, min-naħa l-oħra, u, f'anness, ir-riżultat finali tan-negozjati fil-forma ta' abbozz ta' Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sħubija u Żvilupp bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan, min-naħa l-oħra (12507/16 + ADD1).

2. Fit-13 ta' Frar 2017, il-Kunsill adotta deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-Ftehim<sup>1</sup>. Il-Ftehim ġie ffirmat fi Munich (il-Ġermanja) fit-18 ta' Frar 2017.
3. Fis-17 ta' Jannar 2018, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asja u l-Oċeanja eżamina l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sħubija u Żvilupp bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan, min-naħa l-oħra, kif jinsab wara finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti fid-dokument 15093/16, u qabel li jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-konklużjoni tal-Ftehim.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:
  - jiddeċiedi li jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew abbażi tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sħubija u Żvilupp, kif jinsab fid-dokument 15093/16.

---

---

<sup>1</sup> ĠU L 67, 14.3.2017, p.1.